**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 2 ta' Lulju 2020

Rikors Numru: 351/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

1. Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:
2. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (12.07.2002), mill-liema żwieġ ma kellhom l-ebda ulied (ara ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A);
3. Illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat tnejn ta' Settembru tas-sena elfejn u

tlieta (2.09.2003) (ara kopja legali tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bħala Dok B);

4. Illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erba' snin u ċioe' sa' mis-sena elfejn u tlieta (2003);
5. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum il-ġurnata għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi l-esponenti tiddikjara illi qatt ma kien hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet, stante illi l-ebda parti ma hija dovuta tati manteniment ai termini tal-klawsola numru 1 tal-kuntratt ta' separazzjoni;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2019;

Rat illi l-intimat fuq domanda tal-Qorti wieġeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-2 ta’ Settembru, 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.